MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2015

Numru. 148/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Christopher Stone**

**ID:108087(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni  migjuba fil-konfront tal-imputat Christopher Stone

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-26 ta' Novembru 2013 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga **Heroina** specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas il jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 ta-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha.

Semghat trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu, li l-imputat ghadu kif lesta programm ta’ rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga ricentament u li ghandu wkoll impjieg, izda jkun ghaqli li jibqa’ jigi segwit minn Ufficcjal tal-*Probation* sabiex jigi assigurat li jibqa’ miexi fit-triq it-tajba.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Susisdjarja 101.02, fuq ammissjoni, qed ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed tqeghdu taht Ordni ta’ *Probation* ghal zmien sentejn (2) mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni hawn anness, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ *Probation* jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulate fl-Ordni tal-*Probation.*

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-*Probation and Parole.*

Stante li ma gewx mahtura l-ebda esperti f’dawn il-proceduri, l-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta’ l-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument JF1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------